

# Il-Baned Maltin

Mark Anthony Sciberras

Dan l-istudju dwar il-baned Maltin ġie mressaq lill-Fakultà tal-Arti fl-Università ta' Malta f'April tal-2015.

Meta ġejt biex nagħżel it-tema għall-istudju tiegħi, ħsibt li waqt li nkun qed nagħti kontribut lill-ilsien Malti, naħdem fuq xi ħaġa li hi għal qalbi u li nkun familjari magħha. B'hekk għażilt li nibni glossarju fuq dak il-kliem li jintuża fil-baned Maltin. Minħabba li ilni għal dawn l-aħħar ħdax-il sena ndoqq il-kurunetta mal-banda tal-Għaqda Mużikali Marija Annunzjata ta' Ħal Tarxien, raħal twelidi, kif ukoll ma' bosta baned oħra madwar Malta, fosthom l-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu tal-Fgura, ġejt f'kuntatt ma' diversi varjazzjonijiet għal diversi oġġetti li jintużaw fil-banda. Sirt konxju wkoll li bosta kliem li jintuża bejn il-bandisti u dawk midħla tal-mużika ma jinftehimx min-nies komuni. Kienu propju dawn ir-raġunijiet li wassluni biex nagħmel studju lessikali dwar dan il-qasam.

Prinċiparjament, l-istudju huwa maqsum f'żewġ taqsimiet: il-ġbir tat-termini marbuta ma' dan il-qasam bandistiku, kif ukoll studju soċjolingwistiku li jitratta l-età u l-ġeografija. Għalhekk dan l-istudju għandu żewġ għanijiet: li jinġabru kemm jista' jkun termini li jintużaw fil-baned Maltin, u li nara liema termini ma jintużawx bl-istess mod bejn Malta u Għawdex kif ukoll bejn bandisti jew persuni midħla tal-mużika ta' etajiet differenti.

Fl-istudju li għamilt intervistajt għoxrin bandist minn Malta u għoxrin bandist minn Għawdex. Dan peress li ma stajtx nanalizza d-differenza bejn bandisti fi rħula partikolari. Dan għaliex bandist ma jdoqqx biss ma' banda waħda (dik li tgħallem magħha), iżda jkun idoqq ma' bosta baned oħra. Waqt li n-numru tal-bandisti qiegħed dejjem jonqos maż-żmien, id-domanda għall-baned għadha waħda qawwija. Għalhekk meta banda jkun imissha tagħmel xi servizz mużikali, minbarra l-bandisti tal-post jiġu msejħin wkoll numru ta' bandisti barranin. B'hekk, fil-każ tal-banda, id-differenzi bejn raħal u ieħor jintilfu minħabba li llum il-ġurnata banda iktar ikollha bandisti minn barra r-raħal milli mir-raħal.

Minbarra l-ġeografija, l-età hija fattur importanti fl-istudju tiegħi għaliex tgħin biex joħorġu aktar differenzi lessikali. Għalhekk iddeċidejt li naqsam l-età tal-informanti f'żewġ gruppi biex nara jekk joħorġux xi differenzi bejniethom.

It-tabella t'hawn taħt tispjega aħjar kif inhuma mqassmin l-informanti skont l-età u l-ġeografija.

| Età | Malta | Għawdex |
|---|---|---|
| 18-35 | 10 informanti | 10 informanti |
| 50+ | 10 informanti | 10 informanti |

### Uħud mill-stampi li wrejt lill-informanti:

F'20% tal-istampi u l-mistoqsijiet li għamilt ma rriżulta fl-ebda varjazzjoni marbuta mal-età jew il-ġeografija tal-kelliem. Dan għaliex intuża biss terminu wieħed mill-informanti kollha biex jiddeskrivu l-oġġett fl-istampa jew il-mistoqsija li staqsejt. Fost dawn insibu kliem bħal: klarinett, katuba, *althorn*, valv, librett, spalletti, planċier, arkivju.


















**Varjazzjoni fil-ġeografija**

Minkejja li wrejt l-istess stampi lill-Maltin u lill-Għawdxin, f'46% tal-każi r-risposta tagħhom ma kinitx l-istess għaliex intuża kliem differenti biex jirreferu għall-istess oġġett.

Din it-tabella t'hawn taħt turi xi differenzi li ħarġu bejn Malta u Għawdex. Meta kelma qed tiġi mniżżla taħt 'Malta' jew 'Għawdex' ma jfissirx li tingħad biss f'Malta jew f'Għawdex rispettivament, iżda li mill-intervisti li għamilt, fil-maġġoranza tal-każi użaw dan it-terminu b'kuntrast ma' terminu ieħor.

| Malta | Għawdex |
|---|---|
| Platti | Plattini |
| Mazza | Martell |
| Kaxxa tas-surmast | Kaxxa tas-surmast / Bradella |
| Kopertina | Kopertina / Librettin |
| Lazz | Lazz / Kurdun |
| Kunċert | Kunċert / Provi |
| Ravjula / *Beret* / Maqrut | Pastizz |

**Il-Glossarju tar-Reġistru tal-Baned**

Il-glossarju huwa utli ħafna għaliex jiġbor fih kemm jista' jkun kliem relatat ma' qasam partikolari, bi spjegazzjonijiet għal kull terminu.

Dan jgħin biex jibqgħu ħajjin diversi kliem u espressjonijiet li ma tantx għadhom popolari jew li jintużaw minn numru speċifiku ta' nies, bħalma huwa l-każ tal-baned.

Il-glossarju fih ħames taqsimiet: 'Il-Kliem Marbut mad-Daqq tal-Mużika' li fiha nsibu l-kliem tekniku li jintuża waqt d-daqq, 'Espressjonijiet Marbuta mal-Banda' li tinkludi l-espressjonijiet li jgħidu l-bandisti jew dawk midħla tal-mużika, 'Il-Kliem Marbut mal-Istrumenti' li fiha nsibu l-istrumenti li jintużaw fil-banda kif ukoll l-oġġetti relatati magħhom, 'Il-Kliem Marbut mal-Irwoli fil-Banda' fejn insibu l-kliem li jintuża biex jirreferi għal dawk li huma involuti fil-banda u 'Kliem Ġenerali li Għandu Konnessjoni mal-Banda'.

Il-maġġoranza kbira tat-termini ġbarthom mill-għarfien tiegħi fuq dan is-suġġett. Termini oħrajn ġbarthom minn xi kotba jew dizzjunarji kif ukoll bl-għajnuna ta' sħabi l-bnadisti u persuni li naf involuti fil-banda.

**Varjazzjoni fl-età**

Minbarra l-varjazzjonijiet fil-ġeografija bejn Malta u Għawdex, insibu wkoll varjazzjonijeit fl-età bejn in-nies li ħadu sehem f'dan l-istħarriġ fiż-żewġ gżejjer. Dawn il-varjazzjonijiet fl-età inzertaw jammontaw ukoll għal 46% tal-istampi u l-mistoqsijiet li staqsejt. Kif spjegajt, jien qsamt l-informanti wkoll f'żewġ gruppi skont l-età tagħhom: dawk li għandhom bejn it-18 u l-35 sena u dawk li għandhom minn 50 sena 'l fuq. Din it-tabella turi xi differenzi li ħarġu mill-etajiet tal-informanti. Bħalma semmejt qabel, meta kelma tiġi mniżżla taħt 'Bandisti Żgħar' jew 'Bandisti Kbar' ma jfissirx li tingħad mill-bandisti żgħar jew kbar biss rispettivament iżda li mill-intervisti li għamilt, fil-maġġoranza tal-każi intuża dan it-terminu.

| Bandisti Żgħar | Bandisti Kbar |
|---|---|
| Kurnu / *French Horn* | Kurnu |
| Trumbetta/Kurunetta/*Trumpet* | Trumbetta/Kurunetta |
| Flikornu/*Flugelhorn* | Flikornu |
| Tanbur/*Drums/Snare Drums* | Tanbur/Tanborlin/*Drums* |
| Tanburin/Tamburell/Ċekċieka | Tamburell/Ċekċieka |
| Baxx/*Tuba* | Baxx |
| Trumbun/Trumbun *Slides/Trombone* | Trumbun |
| Qniepen/*Tubular Bells* | Qniepen |
| Bukkin/*Mouthpiece* | Bukkin |
| Kopertina/*Folder* | Kopertina |
| Kunċert/*Rehersal* | Kunċert/Prova |
| Replika/*Repeat* | Replika |
| Jidderieġi | Iħabbat/Jidderieġi |

F'dawn it-tabelli t'hawn taħt wieħed għandu jsib żewġ jew tliet eżempji meħudin minn kull taqsima tal-glossarju:

**Il-Kliem Marbut mad-Daqq tal-Mużika**

| | |
|---|---|
| A tempo | Fit-temp. Terminu popolari minn ħafna li għandhom x'jaqsmu mat-temp tal-mużika. Dan jintuża meta jkollok varjazzjoni f'temp stabbilit imbagħad tkun trid terġa' tmur fit-temp oriġinali. Pereżempju tkun '*allegro*' (f'temp mgħaġġel) u mbagħad issib '*poco meno mosso*' (jiġifieri biex tnaqqas ftit it-temp) imbagħad ikollok '*a tempo*' sabiex tmur fit-temp oriġinali. |
| Fanfarra | Kelma użata sabiex tiddeskrivi biċċa mużika solenni, pompuża u x'aktar mhix twila. Ħafna drabi tindaqq minn strumenti tar-ram u perkussjoni biss. Tindaqq f'okkażjonijiet sabiex tilqa' personalitajiet kbar jew affarijiet li ħaqqhom rispett u qima. |
| Legat | Tirreferi għal żewġ noti jew iktar li għandom jindaqqu mingħajr ma tingħata d-daqqa tal-ilsien u għalhekk ma tinfiridx nota minn oħra. |

**Espressjonijiet Marbuta mal-Banda**

| | |
|---|---|
| Banda żarmata | Tintuża biex tirreferi għal banda partikolari li fis-servizz li tkun qed tagħmel ma tkunx armata kif suppost minħabba li fis-sezzjonijiet tal-banda jkun hemm nuqqas ta' bandisti. Meta jkun hawn ammont ta' baned idoqqu fl-istess ġurnata, ħafna baned ma jkunux armati kif suppost minħabba li jkun hawn problema biex issib il-bandisti. |
| Iħabbat | Tintuża biex tirreferi għall-azzjoni li jagħmel il-katubier fuq il-katuba iżda tista' tintuża wkoll biex tirreferi għas-surmast li jkun qed jidderieġi l-banda waqt xi programm. |
| Tirrispondi | Espressjoni li tintuża biex tirreferi għal meta xi sezzjoni partikolari ta' strumenti jkunu qed iwieġbu bil-mużika permezz ta' *off beats* jew kontrakant il-melodija li tkun għaddejja. |

**Il-Kliem Marbut mal-Istrumenti**

| | |
|---|---|
| Katuba | Il-katuba żżomm it-temp tal-banda u hija kruċjali għaliex tiġbor l-istrumenti kollha magħha. Meta l-banda jkollha servizz fit-toroq, il-katuba titpoġġa fuq karru bir-roti u titmexxa f'nofs il-banda. |
| Platti | Il-platti fil-banda dejjem issibhom biswit il-katuba għaliex idoqqu mill-istess partitura. Il-platti jindaqqu billi jitħabbtu flimkien skont il-mużika miktuba. |
| Tamburell | Strument tal-perkussjoni. Jikkonsisti f'qafas tond tal-injam b'dijametru li jvarja. Fin-nofs ta' dan il-qafas tal-injam, mat-tondjatura kollha, jittaqbu xi toqob tawwalin li fihom jitwaħħlu ċimbli ċkejkna. Qniepen żgħar jissammru wkoll max-xifer tat-tondjatura waqt li n-naħa l-oħra jintrabat ġild imnixxef. Dan l-istrument jindaqq l-aktar bit-truf tas-swaba (Vella Bondin 238). |

**Il-Kliem Marbut mal-Irwoli fil-Banda**

| | |
|---|---|
| Arkivista | L-arkivista huwa dak li jieħu ħsieb l-arkivju. L-arkivju huwa l-post fil-każin fejn titpoġġa l-mużika biex tkun kollha miġbura f'post wieħed. |
| Bandist barrani | Tirreferi għal xi bandist li jkun ġie maqlugħ minn banda li hu ma jkunx tgħallem magħha. Illum il-bandisti kważi kollha jdoqqu ma' baned oħra minħabba n-nuqqas ta' bandisti tal-post. |
| Delegat tal-banda | Xogħol id-delegat tal-banda huwa li jieħu ħsieb il-banda. Id-delegat jara li f'kull servizz fejn tkun ser iddoqq il-banda tkun armata tajjeb, iqassam l-uniformijiet u l-libretti tal-bandisti u jara li jimxi kollox kif suppost. Ħafna drabi dan isir ukoll bl-għajnuna ta' persuni oħra midħla tal-banda minħabba li mhuwiex xogħol faċli. |

**Kliem Ġenerali li Għandu Konnessjoni mal-Banda**

| | |
|---|---|
| Innu Marċ | Kull banda jkollha dak li jissejjaħ 'innu marċ' u ġeneralment dan jindaqq biss minn banda waħda. Dan l-innu huwa differenti mill-innijiet l-oħra għaliex ikollu temp aktar mgħaġġel u ferrieħi, f'forma ta' marċ. |
| Kopertina | Il-kopertina hija forma ta' *file* li fih jitqiegħdu s-siltiet tal-mużika li tkun ser tindaqq f'kunċert f'xi sala jew fuq il-planċier. |
| Spalletti | Dawn jitqassmu lill-bandisti biex jintlibsu fuq l-ispalla waqt servizz mużikali. Il-kulur tagħhom ikun jirrappreżenta dak tal-banda u ħafna drabi fuq l-ispalletti jkun hemm ukoll l-arma jew xi simbolu tas-soċjetà. |

**Biblijografija**

Vella Bondin, J. *Il-Mużika ta' Malta Fis-Sekli Dsatax u Għoxrin*. Malta: Pubblikazzjoni Indipendenza, 2000. Stampat.

**tiffranka dot com**

Computer Systems – Laptops – Printers
Digital Cameras – Upgrades – Repairs – Formatting

**7777 5050**

138, St Sebastian Street, Ħal Qormi

